MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 688/1997/1

Arnold Grech
vs
Direttur Dipartiment ta' l-Agrikoltura

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1993 huwa kien sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien dahal jahdem mal-Gvern fl-1956 bhala clerk typist.

Fl-1960 huwa ghadda minn ezami u lahaq Fisheries Officer I.

Fl-1989 huwa kien gie trasferit il-Ministeru ta’ l-Ikel, Agrikoltura u Sajd. Wara 8 xhur, kien inghata trasferiment iehor u kien intbaghat fis-sezzjoni ta’ l-Agrikoltura, fejn ghadu sal-lum jithallas ta’ Fisheries Officer.

Fl-1993, kienet saret sejha ghall-promozzjoni ghall-Grad ta’ Agricultural Officer III. Huwa kien ghamel l-applikazzjoni izda meta mar jiddepozitaha, kien gie nfurmat li hu ma kienx jikkwalifika ghal din il-promozzjoni.

Din l-ahbar kienet sorpriza ghalih, ghaliex kellu l-kwalifikazzjonijiet kollha necessarji ghal din il-promozzjoni, barra li kellu 46 sena ta’ esperjenza f’dan il-qasam.

Ta’ min isemmi li dawk li nghataw din il-promozzjoni ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, esperjenza u seniority daqsu.

Ghaldaqstant huwa hass li kien gie diskriminat fl-ghoti ta’ din il-promozzjoni minhabba t-twemmin politiku tieghu, u b’hekk kien gie mtellef l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu u ghalhekk sofra danni finanzjarji. Zied li, billi huwa f’Ottubru ta’ l-1998 kien ser jispicca bil-pensjoni, din ic-cahda fil-promozzjoni kienet ser taffettwalu l-pensjoni tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni li kien gie mtellef ingustament b’lura mid-data li harget, u li jinghata kumpens xieraq ghal dak kollu li sofra, skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ …

Ra l-elenku tax-xhieda ud-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi preliminarjament ir-rikors promotur ma kellu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma kienx gie notifikat bl-istess rikors u dan ai termini tal-artikolu 181 (B)(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost dak li lmenta minnu r-rikorrent ma jikkostitwix wahdu prova illi kienet saret xi distinzjoni indebita fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju r-rikorrent kellu jispecifika d-dettalji ta' dak li allega.

Illi l-Bord responsabbli mill-intervisti ta' appilkanti ghal grad partikulari gewwa dipartiment, bhala f'dan il-kaz il-grad ta' Agricultural Officer III gie maghzul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk agixxa ghan-nom ta' din il-Kummissjoni li effettivament ippubblikat ir-rizultati tal-intervisti fuq imsemmija.

Illi galadarba hatriet gewwa s-Servizz Pubbliku jaqghu taht il-mansjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rikorrent kien seta' jappella mir-rizultat tal-applikazzjoni tieghu lil din l-istess kummissjoni.

Illi ghalhekk in kwantu r-rikorrent talab illi jigi ordnat li jinghata promozzjoni ghall-grad ta' Agricultural Officer III din it-talba ghandha tigi kkunsidrata ai termini tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jirregola hatriet li jsiru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, stante illi applikazzjonijiet ghal karigi gewwa s-Servizz Pubbliku u hatriet ghal tali karigi jaqghu esklussivament taht il-mansjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta illi ma hemm xejn fir-rikors li jista' jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent u kkonferma l-ezattezza tal-fatti kollha indikati fir-rikors minnu prezentat li jinsab a fol 1 tal-process.

Xehed Anthony Meli Principal Scientific Officer mad-Dipartiment tal-Agrikoltura li semma li r-rikorrent huwa wiehed mill-ufficjali li kien jahdem mieghu. Hu qatt ma kellu problemi mieghu u x-xoghol tar-rikorrenti dejjem sar b’mod ezemplari u ma jiftakar ebda incident fil-konfront tar-rikorrent. Semma li r-rikorrent kien applika ghall-promozzjoni ghal Agricultural Officer III. Sostna li r-rikorrent xogholu jaf jaghmlu sewwa u meta kienu jigu n-nies minn barra minn Malta kien ukoll jimpenja ruhu u kien ta’ livell u infatti qatt ma kellhom problemi ma’ dawk in-nies li jigu minn barra. Hu dejjem ta kontribut siewi.

Xehed Joe Borg li semma li llum il-gurnata huwa qieghed konsulent part-time mal-Ministeru tal-Agrikoltura izda li fl-1991 kien Principal Agricultural Officer mad-Dipartiment. Wahda mis-sections fl-Agrikoltura li kienet taqa’ taht id-dipartiment kienet is-sezzjoni tan-nahal li taghha kien il-Kap is-Sur Arnold Grech. Dan kien qallu li kien sejjer japplika ghal Agricultural Officer III fl-1991. Fit-taqsima li hija ta’ nahal ir-rikorrent kellu kwalifiki sufficjenti.

Ir-rikorrent ma kienx ha l-appointment ghalkemm kien hemm minn dawk li saru li kellhom kwalifiki anqas minnu. Dehrlu li r-rikorrent kien jigi Skala 9 li kieku ha l-appointment ghal Agricultural Officer III izda r-rikorrent baqa’ fl-iskala ta’ Fisheries Officer Skala 13. Semma li anke l-promotion tal-Fisheries ma hadhiex l-anqas.

Fil-fatt ir-rikorrent darba kellu rakkomandazzjoni mill-Amerika dwar in-nahal u kienu anke baghtuh jirrapprezenta lil Malta f'konferenza dwar in-nahal. Kienu inkarigawh meta kien hawn il-marda tan-nahal biex jiehu hsieb li jingabu n-nahal minn New Zealand halli terga' tigi ristrutturizzata l-pozizzjoni. Illum il-gurnata spicca jahdem minn mal-Gvern izda qieghed jahdem bhala konsulent fuq in-nahal u huwa wkoll il-President tal-Ghaqda tat-Trobbija tan-Nahal li hija NGO.

Meta ra d-dokument PBC 1 li hija s-sejha esterna ghall-kariga ta' Agricultural Officer III u li fiha hemm ukoll elenkati l-kwalifiki edukattivi sostna li kwalifiki edukattivi li kellu r-rikorrent kienu sufficjenti fis-sens li kellu bizzejjed biex jigi accettat biex imur jistudja l-BSC fl-Agrikoltura.

Is-Sur Carmel Aquilina Principal mad-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed li l-applikazzjoni ghal Agricultural Officer 3 kienet harget fi Frar tal-1991. Fil-files ta' l-Agrikoltura ma jidhirx li r-rikorrent is-Sur Grech kien applika ghaliha.

Il-Professur Anthony Scicluna Spiteri xehed li r-rikorrent jafu sewwa. Kien jahdem mieghu meta kien Direttur Generali tal-Agrikoltura u Sajd. Ghandu opinjoni gholja hafna ta' Arnold Grech bhala bniedem haddiem. Kien fil-grad ta' Fisheries Officer u kien kapaci wkoll fl-apikoltura dwar in-nahal. Kienu xtaqu li jghinhom f'dan il-qasam ukoll. Kien fil-fatt bhala fil-kariga tieghu ta' Fisheries Officer, kien difficli li jsir Agricultural Officer III, kif xtaq u dan ghax biex tilhaq Agricultural Officer III, trid jew tkun Agricultural Officer II, u ghalhekk tkun relattivament facli l-promozzjoni, jew altrimenti tigi minn barra, ghax fil-kaz tar-rikorrent, dan kien qisu minn barra, peress li kien fil-fisheries, u mhux fl-agrikoltura, u fil-fatt kienu jirrikjedu, li jekk persuna tkun gejja minn barra, ikollha kwalifiki ghall-anqas akkademici ta' sengha, li fil-fatt dehru li r-rikorrent kellu.

Kien hemm anke l-possibilita' qabel ma hargu l-applikazzjonijiet li r-rikorrent imur jaghmel kors barra minn Malta. L-impressjoni tieghu kienet li dan il-kors kien bdieh, izda ma spiccahx. Ovvjament minn dak li ftakar

ghax ghadda hafna zmien. Kellu l-impressjoni li kien ghamel l-intermediate, l-ewwel pass, pero' li ma kienx spiccah. Ma kellu ebda dubju dwar l-abilita' u l-kapacita' tar-rikorrent, u anke fl-interess tad-Dipartiment xtaq illi r-rikorrent jilhaq, pero' kien hemm din id-diffikulta' li semma.

Meta gie muri c-certifikat tal-1992, favur ir-rikorrent, qal li fil-fatt qatt ma ra dan ic-certifikat. Dak iz-zmien kien on the point of leaving id-dipartiment. Nghid li min iffirmah bhala principal jafu wkoll personalment. Ma nafx jekk hux l-istess kors li rrefera ghalih. Ic-certifikat gie ottjenut wara l-applikazzjonijiet. Ic-certifikat esebit huwa ta' a special course, u ma setax jghid jekk jekwiparax mat-talbiet akkademici li kien hemm ta' Agricultural Officer III.

**KONKLUZJONIJIET:**

Li ghalhekk irrizulta illi Arnold Grech kien jahdem id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u l-ilment tieghu jirrigwarda li ma giex moghti l-hatra ta' Agricultural Officer III fl-1993 skond ma jirrizulta mir-rikors kif ukoll illi l-konsulent legali tieghu fil-kors tal-kawza semma illi l-ilment kien ibbazat fuq il-call for applications ta' l-1991 u l-1993 u dana meta semma dan fis-16 ta' Jannar 2001 a fol 29 tal-process. L-ilment hu bbazat ukoll fuq it-transfer illi r-rikorrent kien gie moghti darbtejn fl-1989 u kawza ta' dan ippregudika l-posizzjoni tieghu dwar promozzjonijiet.

Illi fil-kors tal-kawza rrizulta illi r-rikorrent gie kkunsidrat bhala bniedem mill-aktar kapaci u dan kif irrizulta mid-diversi xhieda. Per ezempju Anthony Meli ddiskriva li qatt ma kellu problemi mar-rikorrent u li r-rikorrent xogholu kien jaf jaghmlu sewwa u meta kienu jigu nies minn barra kien ukoll jimpenja ruhu u kien ta' livell qawwi. Joe Borg fahhar hafna lir-rikorrent u semma li kellu l-kwalifiki necessarji biex jiehu l-promozzjonijiet u fil-fatt hadu promozzjonijiet nies li fil-fehma tieghu kienu ferm anqas kwalifikati minnu u qal li r-rikorrent kellu diversi rakkomandazzjonijiet mill-Amerika dwar in-nahal. Hu semma li r-rikorrent kellu kwalifiki edukattivi sufficjenti. Kliem ta' tifhir kbir kellu wkoll il-Professur Scicluna Spiteri fir-rigward tar-rikorrent li qiesu bhala haddiem li bilfors

ikollok opinjoni gholja tieghu u li kien kapaci hafna f'diversi materji li kellhom x'jaqsmu mad-Dipartiment.

Issa hemm diversi problemi ta' natura legali. L-ewwel nett fl-eccezzjoni preliminari l-intimat eccepixxa li l-Avukat Generali ma kienx gie notifikat bir-rikors inizjalment izda din giet rettifikata billi kif jidher a fol 1 retro l-Avukat Generali gie notifikat fid-19 ta' Mejju 1999 u ghalhekk it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Giet ukoll eccepita illi hemm l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jirregola hatriet li jsiru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dwar din l-eccezzjoni t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnu fis-7 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha.

Dwar il-mertu tal-kaz hemm tliet aspetti x'wiehed jikkunsidra u cioe` l-promozzjonijiet tal-1991 u l-1993 kif ukoll it-trasferiment. Dwar il-promozzjoni tal-1991 din ma kenitx imsemmija fir-rikors inizjali u ghalhekk bilfors it-Tribunal ikollu jastjeni milli jiehu konjizzjoni taghha. Dwar il-promozzjoni tal-1993 hawnhekk ma tidhirx cara l-posizzjoni ghax meta xehed is-Sur Aquilina xehed fuq il-promozzjonijiet tal-1991. Ma jidhirx li x-xhieda tapplika propjament ghall-1993. Zgur li jirrizultaw numru ta' problemi li hemm li apparentement ir-rikorrent ghalkemm kien haddiem serju u serju hafna u dedikat u kellu diversi kwalifiki kien hemm xi problemi tal-hatra. Izda t-Tribunal sejjer iqis dan il-fattur flimkien mal-fattur dwar it-trasferimenti flimkien minhabba li jhoss li hekk jew b'hekk it-trasferimenti li ha r-rikorrent setghu wasslu biex effettivament dan ma hax il-promozzjoni. Ma gietx moghtija raguni valida ghaliex ir-rikorrent gie trasferit u hawnhekk it-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija minnu fl-ismijiet Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru et deciza fit-23 ta' Marzu 1999 li titkellem dwar transfer u esigenzi tas-servizz.

Illi t-Tribunal qieghed ukoll jikkunsidra l-fatt illi llum il-gurnata r-rikorrent spicca mix-xoghol u huwa inutili li tinghata promozzjoni izda l-aktar element importanti huwa l-fattur finanzjarju. Minhabba l-fatt illi r-rikorrent ma hax il-promozzjoni, din affettwatlu kemm il-paga kif ukoll il-pensjoni u f'dan l-aspett it-Tribunal ihoss illi l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ghandhom jigu michuda minhabba l-fatt li effettivament ma giet moghtija ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent gie trasferit. Infatti biex isir trasferiment ta' persuna jrid ikun hemm ragunijiet valida. Kawza tat-trasferiment ir-rikorrent bata serjament ghax din affettwatu finanzjarjament.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat dwar transfer u peress li jsib l-ilment tar-rikorrent gustifikat dwar it-transfer u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kumpensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens lir-rikorrent mill-intimat ta' Lm2,500.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------